



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-269/21

Arctic Paper Grycksbo AB

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Lulju 2023

“Ambjent – Direttiva 2003/87/KE – Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra – Miżuri ta’ implimentazzjoni nazzjonali – Allokazzjoni tranżitorja bla ħlas ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra – Deċiżjoni li tiġi eskluża installazzjoni li tuża esklużivament il-bijomassa– Obbligu ta’ diliġenza – Dritt għal smiġħ – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Aspettattivi leġittimi – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Punt 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2003/87”

1. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra – Regolament 2018/2066 – Monitoraġġ u rapportar ta’ dawn l-emissjonijiet – Approssimazzjoni tad-data – Portata – Rapport dwar l-emissjonijiet minn installazzjoni li tuża l-bijomassa – Obbligu li jiġu approssimati l-emissjonijiet tiegħu tad-dijossidu tal-karbonju fossili ta’ inqas minn 0.5 tunnellata għal zero – Teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-emissjonijiet approssimati sabiex tikkonkludi dwar l-użu esklużiv tal-bijomassa mill-imsemmija installazzjoni – Ammissibbiltà (Regolament tal-Kummissjoni 2018/2066, Artikoli 1 u 2, u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1); Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Anness I, punt 1)*

(ara l-punti 51, 57 sa 60)

2. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra – Skema tranżitorja ta’ allokazzjoni mingħajr ħlas ta’ kwoti – Lista ta’ installazzjonijiet eliġibbli għal kwoti mingħajr ħlas stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali – Investigazzjoni mill-Kummissjoni – Esklużjoni mil-lista ta’ installazzjoni li tuża biss il-bijomassa – Rifjut mill-Kummissjoni li tiegħu inkunsiderazzjoni kull informazzjoni ġdida ppreżentata mill-awtoritajiet nazzjonali wara l-istħarriġ tagħha – Assenza ta’ terminu imperattiv mogħti b’mod ċar lill-imsemmija awtoritajiet nazzjonali – Ksur tad-dmir ta’ diliġenza – Assenza ta’ effett fuq il-legalità tal-esklużjoni tal-installazzjoni inkwistjoni mil-lista (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1))*

(ara l-punti 69 sa 73, 76 sa 81)

3. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Skema tranżitorja ta' allokazżjoni mingħajr ħlas ta' kwoti – Lista ta' installazzjonijiet eliġibbli għal kwoti mingħajr ħlas stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali – Investigazzjoni mill-Kummissjoni – Esklużjoni mil-lista ta' installazzjoni li tuża biss il-bijomassa – Assenza ta' possibbiltà għall-operatur tiegħu li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu quddiem il-Kummissjoni – Ksur tad-dritt għal smiġħ – Assenza (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(a); Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Artikolu 11(3))*

(ara l-punti 87 sa 90)

4. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Skema tranżitorja ta' allokazżjoni mingħajr ħlas ta' kwoti – Lista ta' installazzjonijiet eliġibbli għal kwoti mingħajr ħlas stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali – Investigazzjoni mill-Kummissjoni – Esklużjoni mil-lista ta' installazzjoni li tuża biss il-bijomassa – Obbligu ta' motivazzjoni – Portata (Artikolu 296 TFUE; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Artikolu 11(3))*

(ara l-punti 94 sa 98)

5. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Skema tranżitorja ta' allokazżjoni mingħajr ħlas ta' kwoti – Lista ta' installazzjonijiet eliġibbli għal kwoti mingħajr ħlas stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali – Investigazzjoni mill-Kummissjoni – Esklużjoni mil-lista ta' installazzjoni li tuża biss il-bijomassa – Teħid in kunsiderazzjoni tal-emissjonijiet storiċi tad-dijossidu tal-karbonju mill-fossili ġġenerati minn din l-installazzjoni – Ammissibbiltà (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Artikoli 2(1) u 11(1); Regolament tal-Kummissjoni 2019/ 331, il-punt 14 tal-Artikolu 2)*

(ara l-punti 105 sa 110)

6. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Kamp ta' applikazzjoni – Installazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa – Esklużjoni – Obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni l-prestazzjoni ekoloġika tal-installazzjonijiet li ma jaqgħux taħt l-iskema ta' skambju għall-kalkolu tal-punti ta' riferiment ta' prodott – Assenza (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Artikoli 2, 10a u 11, u Anness I, punt 1)*

(ara l-punti 117 sa 119)

7. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Skema tranżitorja ta' allokazżjoni mingħajr ħlas ta' kwoti – Lista ta' installazzjonijiet eliġibbli għal kwoti mingħajr ħlas stabbilita mill-awtoritajiet nazzjonali – Investigazzjoni mill-Kummissjoni – Esklużjoni mil-lista ta' installazzjoni li*

*tuża biss il-bijomassa – Setgħa ta’ evalwazzjoni tal-Kummissjoni – Stħarriġ ġudizzjarju – Limiti – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Assenza
(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Artikolu 11, u Anness I, punt 1)*

(ara l-punti 130 sa 135)

8. *Ambjent – Tniġġis atmosferiku – Direttiva 2003/87 – Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjoni ta’ gassijiet serra – Kamp ta’ applikazzjoni – Installazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa – Esklużjoni – Ksur manifest tal-prinċipji ta’ proporzjonalità u ta’ trattament ugwali – Assenza
(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87, kif emendata bid-Direttiva 2009/29, Anness I, punt 1)*

(ara l-punti 165 sa 171)

Sunt

Ir-rikorrenti, Arctic Paper Grycksbo AB, hija kumpannija Svediża li topera installazzjoni ta’ produzzjoni tal-karta, suġġetta, mill-2005, għall-iskema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem l-“ETS”), kif stabbilita mid-Direttiva 2003/87¹.

Fl-2019, ir-rikorrenti ressqet, quddiem in-Naturvårdsverket (l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, l-Isvezja), talba għal allokkazzjoni ta’ kwoti ta’ emissjonijiet mingħajr ħlas għar-raba’ perijodu ta’ skambju (2021-2025). Peress li l-emissjonijiet reali tagħha tad-dijossidu tal-karbonju fossili fil-perijodu ta’ referenza (2014-2018) kienu inqas minn 0.5 tunnellata, hija approssimat l-emissjonijiet tagħha ddikjarati għal żero, konformement mar-regola ta’ approssimazzjoni applikabbli fir-rapport tal-emissjonijiet².

Fl-istess sena, fil-kuntest tal-adozzjoni tal-miżuri nazzjonali ta’ implimentazzjoni għall-allokkazzjoni ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra, ir-Renju tal-Isvezja ppreżenta lill-Kummissjoni Ewropea³ l-lista tal-installazzjonijiet Svediżi li kellhom jaqgħu taħt l-ETS għar-raba’ perijodu ta’ skambju, li fiha kien hemm l-installazzjoni tar-rikorrenti.

¹ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta’ karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU 2018, L 76, p. 3).

² Artikolu 72(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta’ Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU 2018, L 334, p. 1).

³ Konformement mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87.

Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Frar 2021 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”)⁴, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-installazzjonijiet li użaw esklużivament il-bijomassa⁵ matul il-perijodu ta' referenza, li għalihom hija assimilata dik operata mir-rikorrenti, kellhom jiġu esklużi mill-ETS, u dan kellu, b'mod partikolari, l-effett li jċaħħad lil din tal-aħħar minn kull allokazżjoni ta' kwoti ta' gassijiet serra mingħajr h̄las għar-raba' perijodu ta' skambju.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti u tiddeċiedi dwar il-legalità tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa (iktar 'il quddiem l-“eċċezzjoni dwar il-bijomassa”).

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-ETS tikkonċerna l-installazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ddefiniti fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87 u li jemmettu wieħed jew iktar mill-gassijiet serra msemmija fl-Anness II tagħha. Madankollu, l-installazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa ma humiex koperti mill-punt 1 tal-Anness I ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, l-installazzjonijiet li r-reġistrazzjoni tagħhom fil-lista ta' miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni ma humiex eliġibbli għall-allokazżjoni ta' kwoti mingħajr h̄las⁶.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tar-regolarità tal-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tenfasizza n-natura imperattiva tar-regola ta' approssimazzjoni li tapplika għar-rapporti kollha dwar l-emissjonijiet marbuta mal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva. Dan huwa metodu oġġettiv sabiex jiġi ddeterminat jekk installazzjoni li tuża bijomassa taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS jew le. Konsegwentement, ir-rikorrenti kienet obbligata tapprossima għal zero d-dikjarazzjoni tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju li joriġina mill-fossili inkwistjoni. Għaldaqstant, hija ma għandhiex raġun tilmenta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjoni mibgħuta lilha, li kienet turi l-assenza ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju ta' oriġini fossili u, konsegwentement, l-użu esklużiv tal-bijomassa.

Sussegwentement, fir-rigward tad-dmir ta' diliġenza tal-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tad-dikjarazzjonijiet dwar l-emissjonijiet li ntbagħtulha, hija tfakkar li l-obbligu li teżamina b'reqqa u b'imparzjalità l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni huwa ta' importanza fundamentali, b'mod partikolari meta l-Kummissjoni jkollha setgħa diskrezzjonali. Billi f'dan il-każ opponiet rifjut ta' prinċipju għat-teh̄id inkunsiderazzjoni ta' kull informazzjoni ġdida li jista' jkollha effett fuq il-lista tal-installazzjonijiet inklużi fl-ETS, il-Kummissjoni kisret dan l-obbligu. Madankollu, dan il-ksur jibqa' mingħajr effett fuq il-legalità tal-esklużjoni tal-installazzjoni tar-rikorrenti mill-ETS li tirriżulta mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87⁷.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tikkonferma, qabelxejn, li l-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-bijomassa adottata mill-Kummissjoni hija konformi mad-Direttiva 2003/87.

⁴ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 tal-25 ta' Frar 2021 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazżjoni tranżizzjonali bla h̄las ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2021, L 68, p. 221).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU 2018, L 328, p. 82, rettifiċi fil-ĠU 2020, L 311, p. 11, fil-ĠU 2021, L 224, p. 42, u fil-ĠU 2022, L 41, p. 37), tinkludi l-bijomassa fost l-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Il-punt 24 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi l-bijomassa bħala “il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, [...] mill-industriji forestali u industrijiet relatati, [...] kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart [...]”.

⁶ Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87.

⁷ Punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87.

Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn il-perijodu ta' referenza, li abbażi tiegħu d-data storika ta' kull installazzjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tan-numru ta' kwoti li jistgħu jiġu allokat i mingħajr ħlas, u dak li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tal-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa. Fil-fatt, l-allokkazzjoni ta' kwoti tippresupponi li l-installazzjonijiet ikkonċernati jaqgħu taħt il-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva. Issa, dan ma huwiex il-każ tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa. Minn dan isegwi li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-intenzjonijiet futuri ta' operatur sabiex jidher fuq din il-lista u jibbenefika minn kwoti mingħajr ħlas imur kontra d-Direttiva.

Barra minn hekk, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa ma hijiex ta' natura sekondarja jew kuntrarja għall-Artikolu 10a tal-istess direttiva, peress li l-punti ta' riferiment *ex ante* ta' prodotti ddefiniti fiha għall-kalkolu tal-allokkazzjonijiet ta' kwoti mingħajr ħlas japplikaw biss għall-installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ETS.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-installazzjoni tar-rikorrenti kienet tuża esklużivament il-bijomassa. F'dan ir-rigward, għalkemm l-istħarriġ ġudizzjarju huwa limitat meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jwettqu evalwazzjonijiet ta' elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika kumplessi ħafna, bħal f'dan il-każ, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tiegħu inkunsiderazzjoni d-data rilevanti kollha. F'dan il-każ, anki li kieku l-emissjonijiet reali ta' dijossidu tal-karbonju ta' orijini fossili emessi mill-installazzjoni tar-rikorrenti kienu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, it-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom kien jikser ir-regoli ta' approssimazzjoni li huma ta' natura ġenerali u mandatorja.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrenti kontra l-esklużjoni tal-ETS tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa, prevista fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87, sa fejn din tikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

Fil-fatt, f'qasam fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa', huwa biss ksur manifest ta' dawn il-prinċipji li jista' jistabbilixxi l-illegalità tal-esklużjoni kkontestata. Filwaqt li huwa minnu li s-sistema attwali twassal sabiex ir-rikorrenti tiġi ppenalizzata talli naqqset kważi għal zero l-emissjonijiet tagħha ta' dijossidu tal-karbonju mill-fossili, effetti negattivi huma inerenti għal kwalunkwe sistema li tinkludi livelli limitu ta' inklużjoni u esklużjoni. Għaldaqstant, l-esklużjoni tal-ETS tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa kif ukoll l-assimilazzjoni ma' dawn l-installazzjonijiet ta' daww li emettu inqas minn 0.5 tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju ta' orijini fossili ma humiex ta' natura li jistabbilixxu ksur tal-imsemmija prinċipji.